**Illum ir-Randan**

Għaddiet sena oħra
Għandna quddiemna r-Randan,
Trid fih tkun ferħan?

Is-sawm hu meħtieġ
Biex titrażżan ir-rieda,
L'twettaq li tixtieq.

Wasal ir-Randan
Mela ma niekolx ħelu,
Dnubi hu ġelu?

Hemm iżjed minhekk
Biex 'r-Randan ikunli ġid?
Ħa nagħmel li rrid?

Jew se nitrażżan
Mill-imġieba qarrieqa?
Kemm sirt bużżieqa?

Jew kelb irrabjat
Ma' jista' jkellimni ħadd?
'Nweġġa' lil kulħadd?

Dan simboliżmu
Li nibni sew bil-ħlewwa,
'il bogħod mid-dnewwa.

Jkun daħka fil-wiċċ
Randan mimli tilja ġlied,
B'xeħħa qalb l-ulied.

Hawn, wasal iż-żmien
Li ndur lejn Alla illum,
Umli u sogħbien.

Nerħilha għall-qrar
Forsi fl-aħħar nitbattal,
Mill-eħrex imrar.

U mmur għall-quddies
Ħalli nerġa' nħoss is-sliem,
Il-ferħa bla tmiem.

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.